# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nr.9 Novembru / Diċembru, 1982


## EDITORJAL

### *ŻMIEN Ta' STENNIJA*

*Il-ħarġa ta' 'Il-Belt Victoria' li għandkom f'idejkom hija l-aħħar ħarġa għal din is-Sena 1982. Fit-tmiem ta' din is-sena, bħal kull sena oħra, aħna niċċelebraw il-festa kbira tal-MILIED. Messaġġ importanti li jiġi ripetut lilna matul din il-festa huwa l-istess messaġġ li nstemgħa elfejn sena ilu: " "PAĊI FL-ART LILL-BNEDMIN TA' RIEDA TAJBA".*

*Ilkoll niextiequ l-paċi. Nistgħu ngħidu li hija l-ħolma ta' kulħadd li ngħixu fis-sliem u l-paċi ħajjitna kollha. Biss il-paċi mhux oġġett li jinxtara, iżda rridu nistinkaw għalih u nħejju ruħna għalih.*

*U propju għalhekk minn jiem qabel il-Milied, il-Knisja tpoġġilna quddiemna il-JIEM TA' L-AVVENT. Jiem ta' stennija, li fihom, barra li kollna ħerqana nistennew din il-festa, nħaddmu lilna nfusna, sabiex inkunu verament denji li niċċelebraw il-Milied.*

*Tajjeb għalhekk, li aħna ma nħalux il-jiem ta' l-Avvent: il-paċi u s-sliem jinkisbu bil-mod, ftit ftit, bħalma bil-mod u ftit ftit jitla' il-bini kbir li naraw jimbena madwarna.*

*Mela x'irid isir?*

*Ibda mill-lum stess ara liema huma dawk l-affarijiet li qegħdin itellfuk il-paċi. Kliem żejjed, ħsibijiet ta'għira, xewqat ta' mibgħeda, theddid, nuqqas ta' mogħdrija, nuqqas ta' tolleranza. Dawn l-affarijiet kollha u oħrajn magħhom fittixhom FIK, mhux fl-oħrajn. Jekk issib minnhom taqtax qalbek: stinka biex teliminahom kollha sal-Jum tal-Milied, u hekk il-jiem ta' stennija jkunu għalik bħala jiem li għenuk timbidel.*

*B'hekk, l-Avvent ikun għinek timbena mill-ġdid, u jwasslek biex tiċċelebra l-MILIED:*

*Milied veru*
*Milied qaddis*
*Milied ta' Paċi u Sliem*



*" . . . . .kull ma għamiltu ma l-iżgħar fost ħuti, għamiltuh mieghi."* (Mt.25.40)

**Il-Milied dalwaqt magħna. Tifraħx waħdek. Għin lil min hu fil-bżonn u l-Imgħallem iroddlok bil-mija fil-mija.**

Il-Bord Editorjali jixtieq
Il-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida
Mimlija Risq u Hena lill-Qarrejja kollha

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| **26.9.82** | ADRIAN iben Ġorġ Vassallo u Pauline neè Mallia |
| **2.10.82** | PHILIP iben Carmel Cachia u Josephine neè Xuereb |
| **12.10.82** | EDMOND iben Raymond Cassar u Maria neè Grima |

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| **28.8.82** | Emmanuel Bugeja ma' Antonia Grech |
| **29.9.82** | Saviour Attard ma' Filomena Tabone |
| **4.9.82** | John Xuereb ma' Miriam Scicluna |
| **5.9.82** | Joseph Cassar ma' M'Concetta Mercat |
| **11.9.82** | Mary Grace Grech ma' Charlie Gauci |
| **9.10.82** | Marija Pace ma' Peter Paul Bugeja |

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| **20.8.82** | Maria Dolores Buttigieg |
| **26.8.82** | M'Angelo Borg |
| **14.9.82** | Carmela Vassallo |
| **23.9.82** | Marija Saliba |
| **24.9.82** | Lorenzo Grech |
| **2.10.82** | Carmela Pace |
| **7.10.82** | Maria Antonia Attard |
| **8.10.82** | Ġorġ Debattista |
| **10.10.82** | Evanġelista Spiteri |

## NILTAQGĦU NHAR

**Novembru 1982**

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 1** | Solennità tal-Qaddisin Kollha. Fis 6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. |
| **It-Tlieta 2** | Tifkira tal-Mejtin kollha. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Funebri. |
| **Il-Ħamis 3** | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Funebri għas-Saċerdoti Mejtin tal-Parroċċa. |
| **Il-Ġimgħa 5** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Adorazzjoni Solenni. |
| **It-Tlieta 9** | **Konsagrazzjoni tal-Lateran. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni immexxija mill-Eċċ Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi. Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu.** |
| **Il-Ħadd 21** | Solennità ta' Kristu Sultan. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni |
| **Il-Ħamis 25** | Konċelebrazzjoni għall imseħbin Mejta tas-Soċjeta La Stella fis-6.00 p.m. |
| **Il-Ħadd 28** | L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent. Fl-4.00p.m. quddiesa bil-priedka dwar il-Bibbja. |

**Diċembru 1982**

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 2** | Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis 2.00 p.m. |
| **Il-Ġimgħa 3** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Adorazzjoni Solenni. |
| **Is-Sibt 4** | L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Adorazzjoni Solenni. |
| **Il-Ħadd 5** | It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent. |
| **L-Erbgħa 8** | **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.** |
| **Il-Ħadd 12** | It-tielet Ħadd ta' l-Avvent. Fl-4.00 |
| **L-Erbgħa 15** | Tibda n-Novena tal-Milied. |
| **Il-Ħadd 19** | Ir-Raba Ħadd ta' l-Avvent. |
| **Il-Ġimgħa 24** | **Lejliet il-Milied. Fil-11.45 p.m. Purċissjoni tal-Bambin u Konċelebrazzjoni Solenni.** |
| **Is-Sibt 25** | **Solennità tat-Twelid ta' Ġesù Bambin. Fl-4.00 p.m. Pontifikal** Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Cauchi |
| **Il-Ħadd 26** | **Solennità tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Fl-4.00 p.m. Konċelebrazzjoni għall-miżżewġin ġodda tal-Parroċċa** |
| **It-Tnejn 27** | Solennità ta' San Ġwann Appostlu |
| **Il-Ġimgħa 31** | **L-Aħħar tas-Sena. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali u Te Deum mill-Eċċ Tiegħu Mons Isqof** |

# RABTIET FAMILJARI

Għalkemm jinfired mill-familja, l-emigrant jibqa' marbut ħafna magħha u din ir-rabta kultant tnissel fih dieqa li tkattar bla dubju d-dwejjaq tal-firda. Dawn il-ftit 'hints' jistgħu jgħinu biex din il-firda titnaqqas:-

**Ittri Regolari**

Il-Korrispondenza regolari hija mezz tassew effikaċi biex il-firda tinħass inqas. Bosta emigranti jifirħu mmens meta jirċievu l-aħbarijiet ta' l-egħeżież tagħhom iżda forsi minħabba l-ħajja mgħaġġla ta' hemm, ma tantx insibu ħin jiktbu... u jġibu l-iskuża li ma jkollhom xejn ġdid x'jgħidulhom. Iżda jiftakru li l-ittri ma jservux biss biex tgħid il-ġdid iżda biex twassal tislijiet sbieħ lil min tant tħobb u turihom li minn naħa tiegħek kollox miexi tajjeb.

**Mezzi Moderni**

Daħlet sistema ferm sabiħa li minn żmien għal żmien l-emigranti jibagħtu 'tapes' jew 'casettes' b'messaġġi għall-egħżież tagħhom. Oħrajn jibagħtu films u ritratti li bla dubju joħolqu atmosfera ta' għaqda.

**Okkażjonijiet Speċjali**

Matul is-sena jkun hemm diversi okkażjonijiet li jistgħu jkomplu jkattru l-ispirtu ta' mħabba u rabta familjari . . . il-card li tintbagħat fil-Milied . . . fil-Għid . . .f'jum l-Omm. . . f'jum il-Missier . . . fil-birthdays tal-ġenituri . . . u l-bqija, ikunu xiehda ħajja li għalkemm mifrudin intom għadkom magħqudin fl-imħabba u fir-rispett. F'okkażjonijiet bħal dawn wieħed jista wkoll jinqeda b'telefonata biex il-firda tinħass inqas.

**Dawn huma siltiet mill-ktejjeb "TIPS GĦAL MIN JITĦAJJAR ISIEFER" maħruġ mill-MUSEUM Nadur. Dan il-ktejjeb huwa utli f'idejn l-emigranti kif ukoll f'idejn nieshom f'Għawdex.**

## *Talba ta' Emigrant*

*Mulej*
*ninsab f'art barranija*
*mbiegħed mill-familja*
*mill-ħbieb*
*minn pajjiżi*
*iżda xorta ninsab qribek.*

*Nitolbok u tismagħni*
*Inħabbat u tiftaħli*
*għax Int dejjem ma ġenbi.*

*Għenni Mulej*
*biex nerġa' lura lejn pajjiżi*
*mhux biss iktar sinjur u iktar matur*
*iżda iktar qaddis.*

*Tħalli qatt li s-safar tiegħi*
*Ibegħdni Minnek*
*għax ħajti mingħajrek*
*issir vojta u bla skop.*

*NOTA: Kopji ta' dan il-ktejjeb bil-prezz ta' 10c jistgħu jinksibu mill-Uffiċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ jew direttament mill-MUSEUM Sezzjoni Subien, Nadur - Għawdex*

## Programm dwar il-Festa ta' San Ġorġ fil-Kanada

**Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina meta smajna recording ta' programm dwar il-festa ta' San Ġorġ u li ġie mxandar fil-Kanada. Dan il-programm kien wieħed mis-sensiela ta' programmi WIRT MALTI li ta' kull nhar ta' Sibt jieħu ħsieb l-Għawdxi l-Kav. Joe Zammit O.S.J. Il-programm dwar il-festa ta' San Ġorġ ixxandar propjament lejliet il-festa ta' San Ġorġ, is-Sibt 17 ta' Lulju li għadda u ħutna l-Għawdxin fil-Kanada setgħu jisimgħu dettalji dwar dak li sar f'Għawdex matul il-ġimgħa ta' festi f'ġieħ San Ġorġ Martri. Il-programm ġie mżewwaq bid-daqq ta' marċi mill-Banda La Stella kif ukoll recordings ta' l-Innu tat-Tridu u ta' l-Antifona. Indaqqu ukoll fil-programm siltiet mill-innu 'Ġorġi tagħna min qatt bħalek' kif ukoll mill-Innu 'A San Giorgio Martire' ta' Mro. G. Giardini Vella. Mill-paġni ta' din ir-rivista li qed tilħaq ukoll bosta emigranti tagħna fil-Kanada, nixtiequ nifirħu lil Joe Zammit għall-programm tiegħu li żgur kien ta' sodisfazzjon kbir għall-emigranti tagħna. Nixtiequ nżidu wkoll li ħadna gost ninnotaw li r-rivista tagħna serviet ukoll biex seta' jittellgħa dan il-programm għall-ħutna emigrati fil-Kanada.**

## Donazzjonijiet

**Fr. K. Grima (Gibiltà) £1, Mrs J. Apap (Aust) $2 Aust., Mr & Mrs T. Aquilina (Canada) $30 Can. D.**

# IX-XJUH U L-FAMILJA

*Jikteb:*
*PROF. M. EMINYAN S.J.*

**Din is-sena, li ġiet iddikjarata mill-Ġnus Magħquda bħala s-Sena tax-Xjuħ, intqal ħafna u nkiteb ħafna dwar l-anzjani jew ix-xjuħ, li minnhom hemm tista' tgħid f'kull familja.**

Hemm diversi manjieri kif wieħed jħares lejn ix-xjuħ: jiddependi mill-valuri li kull wieħed iħaddan fil-ħajja tiegħu u lil liema minnhom huwa jagħti l-ewwel post. F'dinja materjalista, li għaliha l-aqwa valur huwa l-ġid li tista' tarah u tmissu b'idejk, jew dak li jista' jitqies bil-flus, in-nies anzjani ma jistgħu qatt jiġu apprezzati u stmati. Fil-fatt dawn, minħabba l-età kbira tagħhom, u kull tant ukoll minħabba l-mard jew id-dgħufija fiżika li jkunu jinsabu fihom, ma jistgħux jipproduċu ebda ġid materjali, anzi huma aktarx li ta' xkiel u ta' piż, u kull tant ukoll ta' tfixkil. Fi kliem ieħor, dawn in-nies jitqiesu ħafna drabi bħala għal kollox inutli għas-soċjetà moderna.

Atteġġjament bħal dan, għal kollox negattiv, wassal ukoll ċerti pajjiżi biex jillegalizzaw l-ewtanasja, jiġifieri biex, permezz ta' xi drogi, tingħata mewt ħelwa u bla tbatija għallanqas lil dawk ix-xjuħ li jkunu morda ħafna jew qed ibatu. M'hemmx għalfejn ngħidu kemm ħaġa bħal din tmur mhux biss kontra kull sens Nisrani, iżda wkoll kontra l-istess dinjità tal-bniedem.

**In-Nisrani jħares lejn ix-xjuħ fid-dawl tal-fidi. L-ewwel ma jara fihom huwa d-don tal-ħajja, li f'dawn il-persuni anzjani tkun laħqet livelli għoljin u għalhekk fihom ikun jidher aħjar il-kobor t'Alla. Barra minn hekk, in-Nisrani jiskopri fl-anzjani meriti kbar, għal dak kollu li huma jkunu kisbu fil-ħajja, għall-kontribut li huma jkunu taw lis-soċjetà fl-iżvilupp tagħha taħt xi għamla jew oħra, u fuq kollox għall-virtujiet li huma għal tant snin ikunu ippratikaw b'eżempju għal min hu iżgħar minnhom.**

Dawn huma kollha kemm huma valuri ta' l-ispirtu, jiġifieri ġid li ma jistax jiġi apprezzat permezz tal-flus, iżda biss bl-użin ta' Alla u ta' dawk li għalihom il-materja m'hix kollox. Għalhekk il-familja nisranija għandha tqis lilha nnifisha xxurtjata li għad hemm persuni anzjani li jgħixu magħha jew qribha, speċjalment jekk dawn huma l-ġenituri jew in-nanniet ta' l-istess membri tal-familja.

Il-missier u l-omm fil-familja għandhom jiftakru xi ftit x'kienu għalihom il-ġenituri tagħhom: kemm għamlu għalihom u forsi wkoll kemm batew sakemm rabbewhom u tawhom edukazzjoni xierqa biex issa setgħu jieħdu posthom fil-ħajja u jibdew il-familja tagħhom. Ukoll wara ż-żwieġ tagħhom stess, aktarx li ta' spiss huma kienu ta għajnuna għalihom, forsi bil-pariri, forsi bil-għajnuna finanzjarja, u forsi wkoll billi żammewlhom it-tfal meta riedu joħorġu.

Dan kollu jinħtieġ li huma jiftakruh, u għalhekk quddiem uliedhom huma għandhom dejjem jitkellmu bir-rispett u b'sens ta' gratitudini lejn in-nanniet ta' uliedhom. Mhux biss, iżda huma għandhom ukoll xi drabi jaqbżu għax-xjuħ tagħhom quddiem uliedhom, meta forsi dawn, aktarx minħabba n-nuqqas ta' ħsieb, lix-xjuħ ma jobduhomx u jgħidulhom xi kliem li jweġġa'.

**Illum, ukoll f'pajjiżna, għandna diversi postijiet jew istituti privati li huma attrezzati sewwa biex jilqgħu ix-xjuħ u joffrulhom ambjent b'ċerta kumdità, fejn hemm Sorijiet li lill-anzjani ma jħalluhom neqsin minn ebda ħtieġa tar-ruħ jew tal-ġisem. Dawn il-postijiet huma ta' min ifaħħarhom ħafna u tkun ħaġa tajba jekk ikollna iktar bħalhom.**

Dawn il-postijiet, iżda m'humiex qegħdin hemm biex il-familja "teħles" mill-iktar fis mix-xjuħ tagħha u b'hekk min suppost ikun responsabbli għalihom iserraħ moħħu li issa hemm min jieħu ħsieb ix-xjuħ. Il-post tax-xjuħ jibqa' fil-familja tagħhom stess: jew fid-dar li x-xjuħ stess kienu jgħixu fiha, jew fid-dar ta' uliedhom flimkien maċ-ċkejknin tagħhom. Il-familja tibqa' l-aqwa ambjent, jew għallanqas l-iktar wieħed naturali, għall-persuni anzjani. Għalhekk, meta dan ikun possibbli, għandu jsir, ukoll jekk dan ikun ifisser sagrifiċċju għal min ikun irid jieħu ħsiebhom. U ġest bħal dan, li x-xjuħ jinżammu fil-familja, għandu jiġi magħżul bil-qalb kollha u b'ħafna mħabba. Ikun l-isbaħ grazzi li x-xjuħ jistgħu jingħataw. ikompli paġna 6

# AĦSEB GĦALL-CAKE TAL-MILIED
## *Riċetta Utili w Rħisa*

*Hafna huma dawk li minn issa jibdew jaħsbu biex jagħmlu l-cake tal-Milied. Din hija ħaġa ta'min ifaħħarha għax dan it-tip ta'cake aħjar ikun lest ftit ġimgħat qabel. Mela għal dawk li jridu jaħsbu jagħmlu dan il-cake hawn hi r-riċetta tal-*

## CAKE TAL-MILIED

*12 uq. dqiq*
*kuċċarina kannella*
*kuċċarina mixed spice*
*½ kuċċarina melħ*
*4 uq. ċirasa*
*nofs artal passolina*
*8 uq. sultana*
*8 uq. żbieb*
*4 uq. lewż*
*4 uq. konfettura*
*4 bajdiet*
*4 imgħarref ħalib(jew sherry jew brandy)*
*Qoxra ta' lumija makuka*
*8 uq. zokkor*
*8 uq. marġerina*
*mgħarfa għasel iswed*

**Metodu**

Agħrbel flimkien l-ingredjenti kollha niexfa. Ħawwad flimkien il-konfettura, frott, ċirasa, lewż u l-qoxra tal-lumija. Ħabbat sewwa l-bajd u l-ħalib jew ix-xorb flimkien.

Ħawwad il-marġerina, iz-zokkor u l-għasel flimkien sakemm jirtabu. Żied it-taħlita tad-dqiq u tal-bajd u ftit ftit min kull taħlita sakemm tkun xħetthom kollha. Fl-aħħar żid it-taħlita tal-frott u kompli ħawwad sakemm kollox jitħawwad sewwa.

Poġġi t-taħlita fl-landa tal-cake ta' 8" - 9" li tkun miksija b'karta strazza fil-qiegħ. Minn barra dawwar il-landa bi brown paper bi tnejn li tkun għola mill-landa b'madwar 5 pulzieri.

Daħħal il-cake ġo forn moderat għall-tlett siegħat u kwart b'gas mark 2 għall-kumplament tal-ħin. Jekk ikun forn tal-elettriku poġġi l-cake b'300 deg. F. għall-ewwel siegħa u nofs u wara baxxieh għall 275 deg. F. Meta l-cake ikun sar, ħallieh jiksah u mbagħad poġġih fl-landa mingħajr arja. Biex il-cake ma jkunx xott daħħal sikkina ġo fih 'l hawn u 'hinn u xarbu bix-sherry qabel ma tiksih bl-intrita. Aħmi l-cake mill-inqas 3 ġimgħat qabel il-Milied u iksieh bl-intrita u r-Royal Icing xi ġimgħa qabel.

## *QATT TAJT PINTA DEMM?*

Wieħed mill-ikbar atti umanitarji li tista tagħmel illum hija li toffri li tagħti d-demm. Illum għalkemm għandna l-Bank tad-Demm mhux darba u tnejn jinqala' il-każ li jiġu msejħa xi nies biex jagħtu d-demm b'urġenza, speċjalment f'Għawdex billi ninsabu maqtgħin bil-baħar minn Malta. Agħmel ftit kuraġġ u jekk ikollok ċans li toffri d-demm għamel hekk bil-qalb għax minn jaf għadx ikollok bżonn int. Iżda qabel kollox ikun ta'ġid kbir li tkun taf x'tip ta'demm għandek. Jekk għandek ma tafx hu ħsieb li ssir taf illum qabel għada.

Hawn taħt tidher il-lista tal-gruppi tat-tipi tad-demm, bil-persentaġġi li hawn minnhom u kif jistgħu jgħinu lil xulxin.

| GRUPP | % | Lil min Jagħti | Min għand min Jieħu |
|---|---|---|---|
| O+ | 37.6 | O+ A+ B+ AB+ | O- O+ |
| O- | 1.7 | O- O+ A- A+ B- B+ AB- AB+ | O- |
| A+ | 42.2 | A+ AB+ | O- O+ A- A+ |
| A- | 2.2 | A- A+ AB- AB+ | O- A- |
| B+ | 6.3 | B+ AB+ | O- O+ B- B+ |
| B- | 0.0 | B- B+ AB- AB+ | O- B- |
| AB+ | 3.8 | AB+ | O- O+ A- A+ B- B+ AB- AB+ |
| AB- | 1.2 | AB- AB+ | O- A- B- AB- |

# L-IDEAL HOME EXHIBITION T'GĦAWDEX

Bejn is-16 u d-19 ta' Settembru li għadda fil-kumpless tal-Każin tal-Banda La Stella u t-Teatru Astra tal-Belt Victoria saret esebizzjoni kbira ta' prodotti u oġġetti li għandhom x'jaqsmu mad-dar, esebizzjoni magħrufa aħjar bl-isem **Ideal Home Exhibition.**

L-Esebizzjoni kienet organiżżata mill-Valletta Publishing & Promotion Co. Ltd.

Pubbliku ferm numeruż żar il-fiera matul l-erbat ijiem li damet miftuħa, partikolarment bejn is-Sibt u l-Ħadd, meta n-nies baqgħet dieħla żżur id-diversi 'stands' li twaqqfu saħansitra sa wara l-ħin tal-għeluq. Kelliemi għall-esebituri qal li matul dawn l-aħħar jumejn sar kummerċ ġmielu. Tant li kulħadd ħareġ ferm sodisfatt bil-parteċipazzjoni tiegħu f'din il-fiera.

Din kienet l-ewwel darba li ġiet organiżżata fiera ta' din ix-xorta f'Għawdex u wieħed għalhekk għalhekk għandu tabilħaqq għax jifraħ lill-Organizzaturi u lid-Direzzjoni tas-Soċ. Fil. La Stella t'Għawdex għal din l-entrapriża ġdida li ġiet milqugħa hekk tajjeb mill-pubbliku Għawdxi.

*Fir-ritratt jidher wieħed mit-22 'stand' li twaqqfu fl-Ideal Home Exhibition.*



## *Il-Koppla tal-Bażilika*

## *It-Tmien Kwadru*

## "Qui Vincerit Dabo ei Sedere Mecum in Throno"

It-tron ta' Ġesù huwa l-Glorja tal-Ġenna u Ġesù iwiegħed li jaqsam din il-glorja u din it-tgawdija ma minn f'din id-dinja jirbaħ. Kif is-sinjur tal-parabbola ħallas is-servi li ħaddmu t-talenti tagħhom u qalilhom "Idħlu fil-glorja tal-ġenna"; hekk ukoll minn jaħdem u jħaddem it-talenti li jkun tah Alla jgawdi l-premju. U San Ġorġ kien jistħoqqlu li joqgħod ma ġemb l-Imgħallem Divin għax San Ġorġ mhux biss rebaħ il-qawwiet ta' żmienu iżda sa llum għadu jirbaħ għal warajh bosta u bosta qlub li jridu jimxu fuq il-passi tiegħu biex miegħu jgawdu lil Kristu fil-ġenna.



**Ix-Xjuħ u l-Familja** jaqbad minn paġna 4

**Min-naħa l-oħra, meta ċ-ċirkustanzi (bħal ma jistgħu ikunu n-nuqqas ta' spazju, jew il-mard tax-xjuħ stess jew ta' uliedhom) ma jippermettux li x-xjuħ jibqgħu d-dar, allura għandhom jintbagħtu fl-istituti, bil-għan li hemm jistgħu jingħataw kura li tkun aħjar milli tista' tingħata lilhom fid-dar. Meta dan isir, iżda, għandu jkun hemm kull attenzjoni biex ix-xjuħ ma jibqgħu nieqsa minn xejn, u fuq kollox ma jiġux nieqsa mir-rispett u mill-imħabba. Ikomplu jżuruhom ta' spiss, joħorġuhom u jagħmlulhom kumpanija. Alla jagħti barka kotrana lil dawk il-familji li għandhom tassew għal qalbhom ix-xjuħ tagħhom**

***(Ħajr – Familja Kana)***

## GĦALIKOM TFAL



*Għeżież Tfal,*

*Mortu l-iskola. Bdejtu sena ġdida. Iltqajtu ma teachers ġodda. Il-Ġenituri tagħkom jitħabtu biex timxu 'l quddiem fit-tagħlim. Ibqgħu sinkaw. Ibqgħu sejrin bl-istess ritmu. Mhux attenti fl-ewwel ftit ġranet biss; imma s-sena kollha. Biex tgħaddu mill-eżamijiet tridu tħabirku u tistinkaw il-ħin kollu.*

*Ftit jiem oħra u jibda l-Avvent. Żmien li fih inħejju ruħna għall-festa tal-Milied. Matul dan iż-żmien għandna nwittu t-triq għal-Mulej. Nippruaw innaqqsu d-difetti li forsi għandna biex fil-jiem tal-Milied nilqgħu lil Ġesù f'qalb nadifa u safja.*

*Il-Milied huwa l-isbaħ żmien għalikom. Tibdew minn kmieni taħsbu għall-presepju. Tibdew taħsbu għas-siġra tal-Milied. Iżżejnu l-klassijiet fl-iskola tagħkom. Kemm hu żmien sabiħ hux veru! Kemm rigali naqilgħu.*

*. . Imma dan m'għandux ikun kollox. Tajjeb li nkunu kuntenti u ferħanin. Imma għandna niftakru wkoll f'dawk inqas ixxurtjati minna. Naqsmu l-ferħ tagħna ma l-oħrajn u nkunu noffru lil Ġesù l-isbaħ rigal f'jum it-twelid tiegħu.*

***Il-Bambin iberikkom***
***IŻ-ŻIJU PEPPI***

## *IL-QADDIS TAX-XAHAR – SANTA LUĊIJA – 13 ta' Diċembru*

Skond l-istorja tradizzjonali, Luċija, twieldet Sirakuża minn familja nobbli dwar is-sena 283. Missierha miet meta kienet għadha żgħira u ħalliha f'idejn ommha, Ewstakja. Meta kibret ftit, ikkonsagrat xbubitha 'l Alla u kellha ħsieb li tqassam ġidha kollu lill-fqar. Waslet l-okkażjoni meta setgħet tagħmel dan.

Ommha Ewstakja kienet ilha ssoffri bl-emorroġija u Luċija pperswaditha jmorru Katanja biex jaqilgħu l-fejqan fuq il-qabar ta'Agata (martri Kataniża). Sant'Agata dehret lil Luċija u ħabbritilha sew il-fejqan t'ommha, kif ukoll il-martirju tagħha. Infatti ommha fieqet u Luċija tat ġidha lill-fqar. Meta marru lura Sirakuża ddeċidiet li tibqa' xebba u dak li miegħu ommha kienet riedet titgħarras nafar u xlieha lill-Prefett Paskasju bħala nisranija. Kien dak iż-żmien il-bidu tal-persekuzzjoni l-kbira ta' Dijoklezzjanu. Il-Prefett sejħilha quddiemu iżda Luċija kienet soda fi twemminha. Il-wegħdiet, it-theddid u s-swat kienu kollha ta' xejn. Fl-aħħar qatluha b'daqqa ta' xabla; iżda qabel kellha x-xorti li titqarben minn idejn l-Isqof. Fuq qabarha bnew knisja li saret ċentru ta' pellegrinaġġi.

Luċija hija meqjuma bħala protettriċi tal-mard ta' l-għajnejn. Iġibuha spiss b'għajnejha ġo platt. Skond leġġenda, billi l-prefett Paskasju nnamra minn għajnejha, il-Qaddisa qalgħethom u bagħt ithomlu ġo platt. Iżda dan l-episodju ma daħalx fir-rakkont ta' ħajjitha. Oħrajn jgħidu li din il-leġġenda ġejja minn isimha, għax Luċija ġejja minn 'dawl' u għalhekk hi protettriċi ta' kull mard ta' l-għajnejn.

# *IL-PAJJIŻ FEJN TWIELED ĠESU*
## *Iżrael Illum*

- L-ogħla muntanja f'Iżrael hija dik tal-Galilea li tinsab fil-punent tal-pajjiż u hi 1200 metru għolja.
- Il-Baħar il-Mejjet jinsab 392 metru taħt il-livell tal-baħar u b'hekk dan il-post jiġi l-aktar post baxx fid-dinja meta tipparagunah mil-livell tal-baħar.
- Ir-raħal ta' Eilat, għandu popolazzjoni ta' 12,800 ruħ. Dan jinsab isfel nett tal-pajjiż. L-average ta' xita kull sena hu ta' żewġ pulzieri jew 43 mm.
- Parti kbira tal-pajjiż tikkonsisti f'deżert li jġib l-isem ta' Negev.
- L-ewwel tliet Patrijarki, Abram, Iżakk u Ġakobb marru jgħixu f'dan il-post. Dawn jissemmew fl-Iskirittura Mqaddsa.
- Madwar elf sena qabel Kristu, s-Sultan David għamel lil Ġerusalem il-belt kapitali ta'Iżrael.
- L-istat ta' Iżrael ġie pproklamat nhar l-14 ta' Mejju, 1948 u ftit wara aktar minn miljun ruħ marru jgħixu hemm.
- Il-poplu Iżraelit huwa kompost minn 85% Lhud, 11% Musulmani 2.5% Insara u l-bqija razez differenti.
- L-aktar bliet Iżraelin huma Tel Aviv (362,000), Ġerusalem (304,000) u Haifa (218,000).
- F'Iżrael hemm żewġ lingwi uffiċjali. Dawn huma l-Lhudi u l-Għarbi.
- Il-kelma paċi bil-Lhudi hi Shalom u bl-Għarbi hi Salaam filwaqt li l-kelma barka hi Berakha u Baraka rispettivament.
- F'Ġerusalem l-aktar post qaddis għal-Lhud hu l-Ħajt tal-Biki, għall-Insara huma l-Knejjes fejn għex u miet Kristu, għall-Musulmani hija t-tielet post imqaddes wara Mekka u Medina u għal Islam hija l-moskea 'Al Aqsa'.
- F'Iżrael insibu madwar 6,000 sinagoga (fejn jitolbu l-Lhud), 300 knisja u kappella ta'l-Insara u 90 moskea (fejn jitolbu l-musulmani).
- Il-ġurnata tal-mistrieħ hi s-Sibt għal Lhud, il-Ħadd għall-Insara u l-Ġimgħa għall-musulmani.
- Il-Kamra tal-Parlament Iżraelin, imsejħa Knesset, għandha 120 siġġu. Fil-preżent hemm 9 partiti politiċi differenti.
- Kull raġel irid jagħmel 36 xahar fis-servizz militari u mara 20 xahar.
- F'Iżrael insibu 24 gazzetta li toħroġ kuljum. Minn dawn tnejn minnhom joħorġu fil-għaxija u huma popolari ħafna. Insibu wkoll li hemm madwar 550 perjodiku.
- L-ewwel stamperija b'tipi lhudin li kien hemm fil-pajjiż kienet fis-sena 1585. Kienet fir-raħal ta' Safad fejn il-lum jinsabu 13,000 ruħ.
- Mindu Iżrael sar indipendenti (1948) ġa saru erba' gwerer ma l-istati Għarab. Dawn saru fis-snin, 1948, 1956, 1967, u 1973.




**J. DESIRA**
*FURNITURE*



**Għall-Ifjen Għamara bi prezzijiet għal but ta' kulħadd**
**DESIRA FURNITURE – L-isem f'fomm kulħadd**
**—Show Permanenti fl-Astra—**

*Jixtieqũ l-Festi t-tajba lill-qarrejja kollha.*


A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo.